# 41. Żewġ Namrati

Fil-ponta ta' fuq l-Aħrax
nibtet Palma mis-sbieħ,
u fuq il-ponta l-oħra
nibet palmu sabiħ.

Kien qishom żewġ fanali
jidhru minn kullimkien,
'mma bis fuq rashom għolja
ħodor kienu n-nirien.

U darba fir-rebbiegħa
kif qabżu u saru kbar,
il-Palmu tal-imħabba
ġo qalbu ħass ix-xrar;

U xtaq kieku jinnamra
mal-Palma mil 'il b'għod
li kellha l-weraq kollu
fid-dawl tax-xemx jirtgħod

U għajjat għajta kbira:
"Hi trid ninnamraw?"
mill-baħar is-sajjieda
tifraħ lill-Palma raw.

Ferħan il-Palmu sejjaħ
ħamiema bajda ġir,
u qallha "Hu daż-żrieragħ
ta' mħabba safja, u tir,

"Agħtihom lil ħaninti
li qiegħda mil 'il bogħod,
u għandha l-weraq kollu
bil-ġenn tal-ferħ jirtgħod."

U taret il-ħamiema
mal-baħar iżraq ċar,
u tefgħet f'qalb il-Palma
iż-żrieragħ tan-namrar.

U meta wasal Lulju
iż-żrieragħ tae il-frott:
mill-baħar minn ġod-dgħajsa
lemaħ bil-ferħa l-bdot

tal-Palma qalb il-weraq
l-għenieqed tamal kbar,
għenieqed ħomor ħomor
bħal tal-imħabba n-nwar.